# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 241/2021

Seduta tal-4 t'Ottubru 2021

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Simon Desira**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Simon Desira, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 492496M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Jannar 2020 sa Frar 2020, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Britney Decelis u/jew lil uliedu is-somma ffisata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha thallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Gunju 2021 li biha, sabet lil imputat hati u kkundannatu ghal xahar prigunerija effettiva;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Simon Desira pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Lulju 2021, li bih talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi tissostitwixxi il-piena b'wahda aktar ekwa u gusta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, inkluz it-traskrizzjoni tax-xiehda;

Semghet lill-parte civile bil-gurament;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija wahda eccessiva u jressaq diversi ragunijiet ghala kellha tinghata piena aktar miti;

2. Illi tajjeb li jkun osservat *in primis* illi l-ewwel Qorti kkominat piena li hija fil-parametri ghar-reat li dwaru l-imputat instab hati u kif kostantement deciz minn din il-Qorti, ma huwiex normali li tkun disturbata d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkun hemm xejn x'juri li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik erogata. Irid jinghad, izda, illi f'kawzi ta' mertu konsimili, l-ghan tal-legislatur ikun milhuq meta l-imputat jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti jew mal-obbligu kontrattwali tieghu li jhallas dak il-manteniment li hu intiz ghall-ghixien tal-ulied jew tal-parti civile. U f'dan ir-rigward ta' spiss issir eccezzjoni u hekk ser isir f'dawn

il-proceduri wara li l-parte civile ddikjarat illi fil-mori irceviet il-hlas kollu lilha dovut;

3. Issa ghalkemm mill-fedina penali tieghu l-imputat ma jistghax jitqies li huwa *first time offender*, ghal-raguni moghtija *supra* dik il-parti tas-sentenza erogabbli l-piena timmerita li tkun varjata u dan b'eccezzjoni ghall-principju mghoddi in rassenja aktar kmieni;

4. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassar dik il-parti li biha l-imputat kien ikkundannat ghal terminu ta' xahar (1) prigunerija u minflok, fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur mil-lum. Il-Qorti fissret fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza.